# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Seduta tas- 17 ta' Mejju 2022

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anzjan Johann J. Fenech)**

**vs**

**Abela, Angelo**

**Il-Qorti**,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, **Angelo Abela** ta' sebgha u hamsin 57 sena bin Carmelo u Rita neè Delmar, imwieled iz-Zejtun fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Frar tas-sena elf disa' mija u disgha u hamsin (1959) u residenti 'Abela', Flat 2, Triq in-Siniskalk, Zejtun, detentur ta' karta tal-identita' bin-numru 179659M, talli fis-sitta (6) ta' Awissu tas-sena elf disa' mija u sittax (2016) għall-ħabta tat-tmienja ta' fil-ghodu (08:00 am) ġewwa Triq is-Siniskalk, Zejtun:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna offiża gravi fuq il-persuna ta' ibnu Michael Abela (ID nru 335890M), minħabba li l-istess offiża tista' ġġib periklu ta' debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew ta' difett permanenti f'parti ta' għamla tal-ġisem, skond kif iċċertifika Dr Andre' Mercieca MD mill-isptar Mater Dei;

2. Mingħajr ma dara jew sawwat, hedded bil-ġebel jew bi ħwejjeġ oħra iebsin, jew waddabhom, jew qabad armi oħra kontra ibnu Michael Abela, kif ukoll;

3. Ħebb kontra l-istess Michael Abela sabiex jinġurjah, idejqu jew jagħmillu ħsara.

Il-Qorti ntalbet li barra il-piena stabbilita għal dan ir-reat tapplika il-provvedimenti tal-Artiklu 383 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurtà ta' Michael Abela.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tas-17 ta' Ottubru 2016 moghti skont l-Artikolu 370 (4) tal-Kodici Kriminali (Kap. 9, tal-Ligijiet ta' Malta)[1] sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet lil Michael Abela prodott mill-Prosekuzzjoni.

L-Imputat irtira l-kwerela tieghu fit-22 ta Ottubru 2019 izda sfortunatament it-traskrizzjoni ta' din ix-xhieda hi inkompleta u l-Qorti qed tiftakar dan il-fatt mill-memorja taghha.

Taghmel riferenza ghall-verbal tas-17 ta' Mejju 2022 fejn Michael Abela talab li jixhed ghax qed jirtira kwalsijasi mahfra li seta' ghamel.

Il-Qorti ma kella l-ebda triq hlief tichad it-talba stante li il-provi kienu maghluqa.

Rat id-dokumentazzjoni kollha u l-provi prodotta.

Rat l-Artikoli 216(1)(a), 222(1a), 339 (1)(b), (d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta

IKKUNSIDRAT:

Illi l-Imputat irtira l-kwerela tieghu fit-22 ta' Ottubru 2019 izda sfortunatament it-traskrizzjoni ta' din ix-xhieda hi inkompleta u l-Qorti qed tiftakar dan il-fatt mill-memorja taghha. Michael Abela talab li jixhed ghax qed jirtira kwalsijasi mahfra li seta' ghamel u l-Qorti cahdet din it-talba stante li-l-provi kienu maghluqa.

[1] A fol. 8

Decide:

Ghaldaqstant l-Qorti qed tillibera l-imputat mill-imputazzjonijet migjuba kontrih u tilliberah minn kull htija u piena

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**